# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Baġits*

6.10.2006

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett:** **Implimentazzjoni tal-Baġit tal-Parlament Ewropew għall-2006**

Jekk jogħġbok, hawnhekk għandek issib mehmuża l-proposta għat-trasferiment ta' l-approprjazzjonijiet C23 - sena finanzjarja 2006.

DIRETTORAT ĠENERALI
GĦALL-POLITIKI INTERNI

Is-Sur Janusz LEWANDOWSKI
Chairman tal-Kumitat għall-Baġits

Suġġett: Talba għat-trasferiment ta' l-approprjazzjonijiet C23 - sena finanzjarja 2006

Għażiż Sur Lewandowski,

Bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' l-Aritkoli 24 u 43 tar-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002, hawnhekk, jekk jogħġbok, għandek issib mehmuża talba għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet.

Tkun apprezzata ħafna jekk inti tippreżenta dan l-abbozz ta' trasferiment lill-kumitat tiegħek, jekk inhu possibbli waqt il-laqgħa tiegħu ta' nahar it-12 ta' Ottubru 2006.

Dejjem tiegħek,

Josep BORRELL FONTELLES

Anness: Talba għat-trasferiment ta' l-approprjazzjonijiet C23/2006

## I. DESKRIZZJONI

Trasferiment ta' approprjazzjonijiet C23/2006

**Minn:** Kapitolu 101 "Riżerva ta' kontinġenza" - € 100 000

**Għal:** Kapitolu 23 "Nefqa amministrattiva kurrenti"
Sub-punt 2370/01 "Ġarr: ġarr dipartimentali u maniġġjar relatat" + €100 000

## II. KIF JINSABU L-APPROPRJAZZJONIJIET: skond il-Finics fl-20/09/2006

| Approprjazzjonijiet inizjali ± AB ± trasferimenti | Impenji meħuda | Ħlasijiet mag ħmula | Approprjazzjonijiet disponibbli qabel it-trasferiment propost | Ammont tat-trasferiment propost | Approprjazzjonijiet disponibbli wara t-trasferiment propost |
|---|---|---|---|---|---|
| **MINN** | | | | | |
| Kapitolu 101 "Riżerva ta' kontinġenza" | | | | | |
| 13 175 823 | | | | | |
| - 1 637 658 | Trasferiment C1 | | | | |
| 1 003 317 | Trasferiment C6 | | | | |
| -3 200 000 | Trasferiment C10 | | | | |
| - 590 000 | Trasferiment C15 | | | | |
| -107 000 | Trasferiment C16 | | | | |
| - 108 000 | Trasferiment C17 | | | | |
| - 336 420 | C19 pendenti | | | | |
| -600 000 | C21 pendenti | | | | |
| - 1 700 000 | C22 pendenti | | | | |
| 5 900 062 | 0 | 0 | 5 900 062 | - 100 000 | 5 800 062 |
| Total li jrid ikun ittrasferit 'il barra | | | | | |
| **GĦAL** | | | | | |
| 2370/01 "Ġarr: ġarr dipartimentali u maniġġjar relatat" | | | | | |
| 355 000 | | | | | |
| + 9 000 | S16 | | | | |
| 364 000 | 340 250 | 218 250 | 23 750 | + 100 000 | 123 750 |
| Total li jrid ikun ittrasferit 'il ĠEWWA | | | | + 100 000 | |

## III. ĠUSTIFIKAZZJONI

**2370/01 "Ġarr: ġarr dipartimentali u xogħol relatat" + € 100 000**

1. Din l-approprjazzjoni hija intenzjonata li tkopri l-prezz tax-xogħol tal-ġarr u tal-maniġġjar mwettaq minn ditti tal-ġarr jew minn staff temporanju għall-maniġġjar provdut minn a ġenziji esterni.

2. L-ammont allokat fis-sub-punt fil-baġit ta' l-2006 huwa € 355 000.

***L-għan tal-proposta preżenti huwa li tintalab żieda għas-sub-punt 2370/01 "Ġarr: ġarr dipartimentali u maniġġjar relatat" ta' €100 000 meħtieġ biex tiġi koperta n-nefqa addizjonali wara li jiġu okkupati l-uffiċċji l-ġodda.***

3. L-ammont li ntefaq fuq dan il-punt naqas minn €608 034 fl-2004 għal €502 203 fl-2005. L-approprjazzjoni inizjali għall-2006 ta' €355 000 terġa' kienet aktar baxxa. Madankollu bħala riżultat ta' żviluppi waqt is-sena, dan ġie pruvat li mhux biżżejjed.

4. S'issa, prattikament ġie impenjat l-ammont totali ta' € 355 000.

5. L-ispejjeż ġew koperti mill-baġit ta' l-2006 bħala riżultat ta' deċiżjonijiet li ma setgħu jitbassru meta tħejja l-abozz preliminari ta' l-estimi (lejn l-aħħar ta' l-2004/il-bidu ta' l-2005).

6. Dawn kienu:

   - id-deċiżjoni tal-Bureau tas-27 ta' April 2005 li jiġi okkupat il-bini Montoyer 75 u l-ġarr sussegwenti tad-DĠ Info għal dak il-bini;
   - id-deċiżjoni amministrattiva li jiġu okkupati uffiċċji addizjonali fil-bini "Banane" f'rue Wiertz.

7. Dawn l-ispejjeż ġew koperti minn approprjazzjonijiet fil-baġit 2006 li kienu twarrbu għal xogħol li normalment tbassar għall-2006, inkluż ġarr marbut mat-tiġdid plurijennali ta' l-g ħamara ta' l-uffiċċji li bħalissa qed isir fil-Lussemburg u Strasburgu.

8. L-ammont mitlub ta' €100 000 hu għalhekk meħtieġ sabiex jitkompla l-programm ta' ħidma normali ta' l-2006 u biex ikun żgurat it-trasport ta' materjali lejn u minn Strasburgu għas-sessjonijiet parlamentari li fadal dis-sena.

9. L-ammont huwa disponibbli fil-kapitolu 101 "Riżerva ta' kontinġenza" u jista' jittieħed minn hemm.

10. ***Fiċ-ċirkustanzi, qed jiġi propost li jiġu ttrasferiti €100 000 mill-kapitolu 101 "Riżerva ta' kontinġenza" għas-sub-punt 2370/01 "Ġarr: ġarr dipartimentali u maniġġjar relatat".***

## IV. TALBA MILL-UFFIĊJAL DELEGAT BIEX JAWTORIZZA LI QED JIRĊIEVI T-TRASFERIMENT

**Nicolas RIEFFEL**

Firma:

Data: